**9 ta' Diċembru, 1961.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Arthur Dimech**

**Bini — Sid — Reat Permanenti jew Suċċessiv**

**Art. 2 u 85 tal-Kap. 13.**

*Il-liġi trid illi kull ħajt ta' kamra esposta għax-xita għandu jkun ta' ħxuna mill-anqas ta' żewġ piedi u nofs.*

*Dan hu reat permanenti jew suċċessiv, li fih hemm l-infrazzjoni tal-liġi "de momento in momentum". Għaldaqstant is-sid li attwalment ikun jippossjedi fond bi kmamar bil-ħitan*

*esposti għax-xita hu responsabbli "in criminalibus" għal dan in-nuqqas; salv kull dritt tiegħu ta' rivalsa kontra l-awtur tiegħu, jekk hu akkwista l-fond f'dak l-istat minn għand ħadd ieħor, "si et quatenus". B'mod li dak is-sid ma jistgħax jeżimi ruħu minn din ir-responsabbiltà billi jallega li hu akkwistah f'dak l-istat; apparti milli l-akkwirent ta' fond jista' jitqies li jidħol taħt il-lokuzzjoni komprensiva li biha il-liġi tiddefinixxi l-kelma "sid" fil-Liġijiet tal-Pulizija.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Arthur Dimech talli f'dawn il-ġranet, l-Imsida, Antonio Nani Street, "Artmar House", bena dar bi kmamar bil-ħitan esposti għax-xita mhux tal-ħxuna li titlob il-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Ottubru 1961, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat mhux ħati u ordnat li jiġi liberat;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, dwar il-fatti li taw lok għal din il-kawża ma hemmx kontestazzjoni. Infatti, l-imputat ma tax ix-xhieda tiegħu, u d-difiża tiegħu hija mpernjata fuq dak li xehed l-imsemmi Victor Ellul. Dan qal li l-fond in kwistjoni kien ġie mibni u kompletat minn Gerald Magro, li fiż-żmien tal-kostruzzjoni kien fl-istess ħin is-sid u l-bennej, u li wara, preċedentement għan-notifika taċ-ċitazzjoni, ittrasferixxa l-fond lill-imputat;

Illi fl-art. 85 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13, hemm elenkati diversi regoli li għandhom jiġu osservati mis-sid, kif ukoll mill-bennej u mill-arkitett fil-bini ta' kull dar jew biċċa minn dar fosthom dak rilevanti għall-imputazzjoni preżenti, preskritt fl-inċiż (b)(1), li jgħid:— "Kull ħajt ta' kamra esposta għax-xita għandu jkun ta' ħxuna ta' mill-anqas żewġ piedi u nofs";

Illi minn dan il-kliem, li ma jħallu ebda dubju, jiġi deżunt li l-leġislatur kellu f'moħħu li l-mument li fih għan-

du jiġi eżegwit l-obligu in kwistjoni huwa dak li fih effettivament isir il-bini;

Illi hija norma sana tad-Dritt Penali li għar-reati hija responsabbli biss il-persuna li tikkommettihom, u l-imputabbilità ma tiġix trasmessa la lill-eredi u lanqas lill-aventi kawża, diversament għal dak li jiġri fil-kamp ċivili rigward id-danni provenjenti mir-reat jew xi konsiderazzjonijiet oħra; liema prinċipju għandu jiġi applikat f'kull każ, salv li l-istess liġi ma tagħmelx derogazzjoni espressa b'dispożizzjoni "ad hoc";

Illi l-liġi, fl-inċiż ċitat, ma tadoperax il-kliem "shall keep" jew frażi ekwipollenti, li minnha wieħed jista' jifhem li s-sid jew il-persuni l-oħra fuq imsemmija huma tenuti li josservaw ir-regola tal-ħxuna tal-ħitan anki wara l-kostruzzjoni effettiva. Meta riedet testendi l-effikaċja tad-dettami tagħha anki għal wara, il-liġi qalitu espressament, bħal, per eżempju, fl-inċiż (1) tal-art. 88:— "The owner of any house .... shall constantly keep such house in conformity with the plan originally approved by the Superintendent of Public Health";

Illi l-art. 90 jakkolla r-responsabbiltà tal-osservanza tal-imsemmi obligu fuq is-sid; però din id-dispożizzjoni ma tgħid xejn kuntrarju għall-mument konsumattiv tar-reat stabbilit fl-art. 85 fuq riferit u lanqas jekk il-persuna li tkun akkwistat il-fond għandhiex hija wkoll tottempera ruħha għan-nuqqas tal-awtur tagħha. Fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, dan l-art. 90 huwa ntiż unikament biex jeħles fil-każijiet minnu kontemplati lis-sid kontravventur u jisposta r-responsabbiltà fuq l-arkitett jew il-bennej;

Illi li l-aventi kawża ma għandux jirrispondi għall-ħtija tal-awtur tiegħu jidher mill-fatt li l-leġislatur ħass il-bżonn li jiddisponi. biex jevita li l-ordni tal-Qrati ma tiġix eżegwita meta s-sid ma jibqgħax l-istess minħabba l-mewt jew is-safar tal-persuna responsabbli. jew minħabba li s-sid jew persuna responsabbli għal raġuni jew oħra ma jkunux baqgħu l-proprijetarji jew l-amministraturi tal-proprijetà, li l-persuna li f'idejha tgħaddi l-proprijetà jew l-amministrazzjoni tagħha hija obligata tagħmel ix-xogħol

ordnat daqs li kieku kienet il-persuna kundannata (art. 90 inċ. 4);

Illi l-ipotesi preveduta minn dan l-aħħar artikolu evidentement tavvera ruħha meta jkun hemm diġà sentenza tal-Qorti; u għalhekk il-każ preżenti ma jinkwadrax fittermini ta' dik id-dispożizzjoni;

Illi, barra minn dan, l-interessi tas-saħħa publika jibqgħu salvagwardati; għaliex, jekk il-persuna responsabbli tiġi ordnata tottempera ruħha mal-liġi, l-imputat, bħala l-attwali sid, ma jistgħax, b'liġi, jopponi ruħu għall-eżekuzzjoni ta' dik l-ordni, għalkemm hu ma jkunx parti fil-kawża (ibid, inċiż 2);

Illi għalhekk, ladarba meta l-ħitan ġew mibnija kontra l-liġi kien proprijetarju tal-fond persuna diversa mill-imputat, dan ma kkontravvjena bl-ebda mod;

Rat ir-rikors tal-Attorney General fol. 9, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li l-imputat jiġi misjub ħati skond l-imputazzjoni u kundannat għal piena xierqa skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Apparti li l-akkwirent ta' fond jista' jitqies li jidħol taħt il-lokuzzjoni komprensiva li biha l-liġi tiddefinixxi l-kelma "sid" fl-art. 2 tal-Kap. 13 Ediz. Riv., hemm ukoll il-konsiderazzjoni bażilari li l-kliem tal-liġi "kull ħajt ta' kamra esposta għax-xita għandu jkun ta' ħxuna etċ. etċ." juru li l-vjolazzjoni tal-liġi tikkontinwa sakemm il-ħajt ma jkunx tal-ħxuna preskritta. Dan hu reat permanenti jew suċċessiv, li fih hemm l-infrazzjoni tal-liġi "de momento in momentum" (ara, per analoġja, App. "Pul. vs. Zammit", 27. 5. 1939). Għalhekk is-sid attwali, ċjoè l-imputat, hu responsabbli "in criminalibus", salv kull dritt tiegħu ta' rivalsa kontra l-awtur tiegħu jew ħadd ieħor, "si et quatenus", "civiliter";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u wara li rat l-art. 85(b)(1), 313, 314 u 316 tal-Kap. 13 Ediz. Riv., tikkundanna lill-imputat għall-piena tal-ammenda ta' £2, u tipprefiġġilu żmien tliet xhur biex juniforma ruħu mal-liġi, taħt penali ta' ħames xelini kuljum għal kull nuqqas wara l-għeluq tat-terminu lilu mogħti.